



## UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 10 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

2021/0129 (COD)

PE-CONS 39/21

MI 371  
ENV 329  
ENT 86  
COVID-19 216  
CODEC 738

### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:           REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li  
jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet  
tranżitorji tiegħu għal ċertu makkinarju mgħammar b'magni fil-meded tal-  
potenza akbar minn jew ugwali għal 56 kW u inqas minn 130 kW, u akbar  
minn jew ugwali għal 300 kW, biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-  
19

**REGOLAMENT (UE) 2021/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

ta'...

**li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628**

**fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu għal ċertu makkinarju mgħammar  
b'magni fil-meded tal-potenza akbar minn jew ugwali għal 56 kW u inqas minn 130 kW,  
u akbar minn jew ugwali għal 300 kW, biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> L-opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali).

<sup>2</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ... ..

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jistabbilixxi rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet għal inkwinanti gassużi u partikolati u l-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal diversi kategoriji ta' magni għal makkinarju mobbli mhux tat-triq.
- (2) Id-dati applikabbli għall-valuri tal-limitu l-ġodda tal-emissjonijiet, identifikati bħala "Stadju V" fir-Regolament (UE) 2016/1628, huma stabbiliti biex il-fabbrikanti jingħataw informazzjoni ċara u komprensiva kif ukoll perijodu ta' żmien xieraq għat-tranżizzjoni lejn l-Istadju V, filwaqt li fl-istess ħin il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni jitnaqqas b'mod sostanzjali.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

- (3) Minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19 u l-interruzzjonijiet assoċjati fil-katina tal-provvista u fil-produzzjoni, il-fabbrikanti tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq, imsemmija bħala “fabbrikanti ta’ tagħmir oriġinali” jew “OEMs” fir-Regolament (UE) 2016/1628, kellhom diffikultajiet biex jissodisfaw l-iskadenzi tat-30 ta’ Ġunju 2020 u tal-31 ta’ Diċembru 2020 stabbiliti f’dak ir-Regolament għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta’ makkinarju mġhammar b’ċerti kategoriji ta’ magni li jikkonformaw ma’ valuri tal-limitu tal-emissjonijiet inqas stretti minn dawk tal-Istadju V. Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2016/1628 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2020/1040 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> biex dawk l-iskadenzi jiġu estiżi bi 12-il xahar.
- (4) Peress li l-interruzzjonijiet kontinwi fil-katina tal-provvista u fil-produzzjoni kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 għadhom iwasslu għal dewmien fil-produzzjoni u għat-tqegħid fis-suq ta’ makkinarju mġhammar b’kategoriji oħra ta’ magni (jiġifieri, magni fil-meded tal-potenza akbar minn jew ugwali għal 56 kW u inqas minn 130 kW, u akbar minn jew ugwali għal 300 kW) li jikkonformaw ma’ valuri tal-limitu tal-emissjonijiet inqas stretti minn dawk tal-Istadju V, huwa probabbli ħafna li l-OEMs mhumiex se jkunu jistgħu jissodisfaw l-iskadenzi tat-30 ta’ Ġunju 2021 u tal-31 ta’ Diċembru 2021 stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1628 għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-makkinarju mġhammar b’dawk il-magni mingħajr ma jħalli lil dawk il-manifatturi jsofru ħsara ekonomika serja.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/1040 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 231, 17.7.2020, p. 1).

- (5) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi kurrenti, u biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, biex tiġi pprovduta ċ-ċertezza legali u biex jiġu evitati interruzzjonijiet potenzjali fis-suq, jeħtieġ li jittawwal iż-żmien tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-Regolament (UE) 2016/1628 għal dawk il-kategoriji ta' magni.
- (6) Minħabba li l-prolongazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji mhi se jkollha l-ebda impatt ambjentali, peress li l-magni ta' tranżizzjoni kkonċernati diġà ġew prodotti, l-estensjoni tal-perijodu rilevanti jenħtieġ li tkun ta' sitt xhur għall-produzzjoni tal-makkinarju mgħammar b'dawk il-magni u disa' xhur għat-tqegħid fis-suq tal-makkinarju mgħammar b'dawn il-magni.
- (7) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jittawwal iż-żmien ta' ċerti dispożizzjonijiet tranżitorji tar-Regolament (UE) 2016/1628, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

- (8) Minħabba l-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (9) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan.
- (10) Fid-dawl tal-fatt li l-perijodu ta' tranżizzjoni previst fir-Regolament (UE) 2016/1628 għal ċerti subkategoriji ta' magni se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021 u li l-OEMs kellhom sat-30 ta' Ġunju 2021 biex jipproduċu makkinarju mobbli mhux tat-triq li jkun mgħammar b'magni ta' tranżizzjoni ta' dawk is-subkategoriji, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

L-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2016/1628 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Għal magni tas-subkategoriji kollha li għalihom id-data stipulata fl-Anness III għat-tqegħid fis-suq tal-magni ta’ Stadju V hija l-1 ta’ Jannar 2020, minbarra l-magni msemmija fit-tieni u fit-tielet subparagrafu, il-perjodu ta’ tranżizzjoni għandu jiġi estiż b’disà xhur u l-perjodu ta’ 18-il xahar imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi estiż b’sitt xhur.”;

(2) fil-paragrafu 7, jiżdied il-punt li ġej:

“(e) 33 xahar mid-data applikabbli għat-tqegħid fis-suq tal-magni stabbilita fl-Anness III, fil-każ previst fis-sitt subparagrafu tal-paragrafu 5.”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---